MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru 1142/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**VS**

**ELTON JOHN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Elton John Zammit, ta’ 30 sena, bin Joseph u Rose nee’ Zarb, imwieled Tal-Pieta’, nhar l-4 ta’ Dicembru, 1975, residenti fil-fond Ent B, Flat 4, Binja tas-Salvatur, Triq Lorenzo Pisani, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 8576M;

Akkuzat talli fis-6 ta’ Ottubru, u fil-granet ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, xjentement laqa’

ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni  tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkundisdrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputati hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kudizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------